

Testimonjanza ta' Dénes András Nagy  
Organizzatur tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Minority Safepack"

Allura, x'kienu t-tagħlimiet ewlenin li tgħallimna f'dak li għandu x'jaqsam mal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tagħna? Ippermettuli nidentifika tlieta.

L-ewwel waħda: kun żgur li tiġbor ferm aktar minn miljun firma! Matul il-kampanja ta' Minority Safepack irnexxielna niġbru aktar minn 1.3 miljun firma. Madankollu, ftakar: hekk kif tlesti l-kampanja trid tissottometti l-firem għall-verifika lill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru. Jista' jiġri li xi firem li ġbart ma jitqisux validi: xi ħadd għandu mnejn kiteb ismu ħażin, seta' naqas milli jniżżel n-numri kollha fuq il-passaport tiegħu, u bħala konsegwenza ta' dan, dik il-firma ma tiġix ivverifikata. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, meta mqabbel ma' 1.3 miljun firem kellna biss 1,128,385 firma li ġew invalidati. B'hekk tista' tara li tlietna ammont kbir ta' firem. Għalhekk, tiqafx! Hekk kif tilħaq il-miljun firma, kompli iġbor id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ!

It-tieni tagħlima li tgħallimna hija relatata mal-limiti fl-Istati Membri. Tiġborx firem biss f'seba' Stati Membri tal-UE! Din hija r-raġuni għaliex: jekk tqis lill-Awstrija, fejn verament konna sejrjn tajjeb fil-kampanja, ma rnexxilniex nilħqu l-limitu, minkejja li stennejna li l-limitu jinqabeż. U r-raġuni għal dan hija biss fatt tal-ħajja: li d-dokument li jeħtieġlek tiffirma inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fl-Awstrija ġeneralment ma jkunx man-nies fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, tant nies iltaqgħu magħna u qalulna "Irrid niffirmah, iżda ħallejt dak id-dokument id-dar" u dawn qatt ma ġew lura, sfortunatament.

Għalhekk, tiffokax il-kampanja tiegħek biss fuq seba' Stati Membri tal-UE, kun ċert li tiimmira aktar! B'dan il-mod, jekk għal kwalunkwe raġuni matul il-kampanja wieħed mill-Istati Membri fejn verament stennejt li se taqbeż il-limitu ma taqbżux, għandek Stati Membri oħra fejn xorta tista' tirnexxi. U dan huwa dak li għamilna: għalhekk, fl-aħħar irnexxielna naqbżu l-limitu fi 11-il Stat Membru tal-UE. Madankollu, ladarba tiġbor dak l-ammont ta' limitu, tiqafx! Ippermetteli nagħtik eżempju: fis-Slovenja l-limitu huwa ta' 5,640 firma, u rnexxielna niġbru dak l-ammont. Madankollu, trid tissottometti l-firem għall-verifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri; għalhekk jekk tieqaf f'dak l-ammont fejn jinsab il-limitu, forsi din tista' tkun ir-raġuni għaliex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tiegħek tfalli, peress li wara l-verifika tista' ttitlef xi firem. Sabiex tevita dan, kun ċert li taqbeż sew l-ammont limitu u tiġbor il-firem f'aktar minn seba' Stati Membri tal-UE.

It-tielet tagħlima li tgħallimna matul il-kampanja hija l-multilingwiżmu. Fl-Unjoni Ewropea, għandek 24 lingwa uffiċjali u barra minn hekk, hemm 60 lingwa reġjonali jew minoritarja mitkellma minn 50 miljun ċittadin tal-Istati Membri tal-UE. Għalhekk, sfrutta dak il-wirt lingwistiku għani li għandna fl-Unjoni Ewropea tagħna. Dak li għamilna matul il-kampanja tagħna kien: aħna mmirajna lin-nies bil-lingwi tagħhom u rajna li huma rriżonaw ħafna aħjar minħabba l-fatt li, bħala Ungeriż, rajt riklam tal-Facebook bil-Ungeriż, jew fuq Twitter bħala wieħed li jtkellem il-Ladin, ilsien ta' komunità ta' 41,000 kelliem, inti rajt post bil-Ladin, mhux biss bit-Taljan; dan verament jiġbed l-attenzjoni ta' dak li jkun. Għalhekk, issa taf li fis-sistema l-ġdida tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għandek il-kapaċità li tibgħat messaġġi bil-lingwi reġjonali. Uża dik il-faċilità, kieku jien kont nieħu gost li kieku kellna din il-kapaċità fit-tim tagħna matul il-kampanja. Sfortunatament, meta konna qed nagħmlu dan, kellna nagħmluha bil-mod antik u hekk bnejna segwaċi fuq il-kontijiet tal-media soċjali tagħna, u

għal darb' oħra hawnhekk: uża l-fatt li, fi Stati Membri differenti hemm pjattaformi differenti li jintużaw min-nies. Twitter jista' jkun popolari fi Stat Membru wieħed, Facebook jista' jkun fi Stat Membru ieħor, forsi Instagram jista' jkun l-għodda t-tajba biex jintuża fi Stat Membru partikolari. Dejjem żomm dan f'moħħok u tkellem il-lingwa tal-udjenja tiegħek. Għalhekk: uża l-lingwa tagħhom, iktbilhom hekk kif taħseb li se jirċievu dak il-messaġġ b'mod pożittiv u dejjem ipprova kun żgur li titkellem man-nies, involvihom! Li kieku kellna l-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej matul il-kampanja, kien ikun ta' spinta kbira għalina; kieku stajna nitolbu għajjnuna mingħand in-nies, stajna nitolbuhom jitradduċi ċerti testi fil-lingwi rispettivi tagħhom, stajna nitolbu appoġġ, kemm jekk legali, jew ideat dwar kif niżguraw li nirnexxu f'ċerti Stati Membri. Kien ikun verament ta' għajjnuna li kieku kellna dak il-Forum. Għalhekk ninsab tassew kuntent li issa għandna dan il-forum, u nixtieq niddiskuti l-inizjattiva tagħkom magħkom hemm, fil-Forum il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.